

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 4



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 64

7 ta' Jannar 2021

Werrej

II Atti mhux leġiżlattivi

DEĊIŻJONIJIET

- ★ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/3 tat-23 ta' Novembru 2020 dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fit-tlieta u sittin sessjoni tal-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi, li ser terġa' titlaqqa', dwar l-iskedar tal-kannabis u s-sustanzi relatati mal-kannabis taħt il-Konvenzjoni Unika dwar id-Drogi Narkotiċi tal-1961, kif emendata mill-Protokoll tal-1972, u l-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi tal-1971 1
- ★ Deċiżjoni (UE) 2021/4 meħuda bi qbil komuni bejn ir-rappreżentanti tal-gvernijiet u tal-Istati Membri tad-9 ta' Diċembru 2020 dwar il-post tas-sede taċ-Ċentru ta' Kompetenza Ewropew Industrijali, Teknoloġiku u tar-Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà 7
- ★ Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2021/5 tal-15 ta' Diċembru 2020 dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Bożnija-Herzegovina u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2019/783 (BiH/31/2020) 8
- ★ Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2021/6 tal-15 ta' Diċembru 2020 dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE tal-missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi Armati tal-Mali (EUTM Mali) u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2020/603 (EUTM Mali/2/2020) 10
- ★ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/7 tal-5 ta' Jannar 2021 dwar l-estensjoni tal-azzjoni meħuda mill-Aġenzija Finlandiża għas-Sikurezza u s-Sustanzi Kimiċi li tippermetti t-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodott bijoċidali Biobor JF f'konformità mal-Artikolu 55(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (notifikata bid-dokument C(2021) 7) 12

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.
It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

DEĊIŻJONIJIET

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/3

tat-23 ta' Novembru 2020

dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fit-tlieta u sittin sessjoni tal-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi, li ser terġa' titlaqqa', dwar l-iskedar tal-kannabis u s-sustanzi relatati mal-kannabis taħt il-Konvenzjoni Unika dwar id-Drogi Narkotiċi tal-1961, kif emendata mill-Protokoll tal-1972, u l-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi tal-1971

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 83(1) flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Konvenzjoni Unika tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) dwar id-Drogi Narkotiċi tal-1961, kif emendata mill-Protokoll tal-1972, ("il-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi"), daħlet fis-seħħ fit-8 ta' Awwissu 1975.
- (2) Skont l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi, il-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi (CND) tista' tiddeċiedi li żżid sustanzi mal-Iskedi ta' dik il-Konvenzjoni. Tista' tagħmel bidliet fl-Iskedi biss skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO), iżda tista' wkoll tiddeċiedi li ma tagħmilx il-bidliet rakkomandati mid-WHO.
- (3) Il-Konvenzjoni tan-NU dwar is-Sustanzi Psikotropiċi tal-1971 (il-"Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi") daħlet fis-seħħ fis-16 ta' Awwissu 1976.
- (4) Skont l-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi, is-CND tista' tiddeċiedi li żżid sustanzi mal-Iskedi ta' dik il-Konvenzjoni, jew li tnehhom, abbażi tar-rakkomandazzjonijiet tad-WHO. Is-CND għandha setgħat diskrezzjonali wiesgħa biex tieħu kont ta' fatturi ekonomiċi, soċjali, legali, amministrattivi u ta' fatturi oħra, iżda ma tistax tagħxi b'mod arbitrarju.
- (5) Il-bidliet fl-Iskedi tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi u l-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi għandhom riperkussjonijiet diretti fuq il-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-kontroll tad-drogi. Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2004/757/ĠAI⁽¹⁾ tapplika għas-sustanzi elenkati fl-Iskedi ta' dawk il-Konvenzjonijiet. Għalhekk, kwalunkwe bidla fl-Iskedi ta' dawk il-Konvenzjonijiet hija direttament inkorporata fir-regoli komuni tal-Unjoni.
- (6) Is-CND, matul it-tlieta u sittin sessjoni tagħha li mistennija terġa' titlaqqa' mit-2 sal-4 ta' Diċembru 2020 fi Vjenna, għandha tadotta deċiżjonijiet dwar il-kannabis u sustanzi relatati mal-kannabis, li diġà qed jiġu kkontrollati abbażi tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi jew tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi.

⁽¹⁾ Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/757/ĠAI tal-25 ta' Ottubru 2004 li tistabbilixxi dispożizzjonijiet minimi dwar l-elementi kostitwenti ta' atti kriminali u ta' pieni fil-qasam tat-traffikar illeċitu ta' drogi (ĠU L 335, 11.11.2004, p. 8) (test mhux disponibbli bil-Malti).

- (7) L-Unjoni mhijiex Parti għall-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi jew il-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi. Hija għandha status ta' osservatur fi ħdan is- CND, fejn 12-il Stat Membru huma membri bid-dritt għall-vot fit-tlieta u sittin sessjoni tagħha li ser terġa' titlaqqa'. Għaldaqstant huwa meħtieġ li l-Kunsill jawtorizza lil daww l-Istati Membri biex jesprimu l-pożizzjoni tal-Unjoni dwar l-iskedar ta' sustanzi taħt il-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi u l-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi peress li d-deċiżjonijiet dwar l-iskedar internazzjonali ta' sustanzi skont daww il-Konvenzjonijiet huma kompetenza tal-Unjoni.
- (8) Fl-24 ta' Jannar 2019, id-WHO ħarġet sitt rakkomandazzjonijiet wara r-rieżami kritiku tal-41 laqgħa tal-Kumitat ta' Esperti tagħha dwar id-Dipendenza fuq id-Droga (il-"Kumitat ta' Esperti tad-WHO") dwar il-kannabis u sustanzi relatati mal-kannabis. Daww ir-rakkomandazzjonijiet ma għandhomx l-għan li jawtorizzaw l-użu rikreattiv tal-kannabis jew ta' sustanzi relatati mal-kannabis.
- (9) Skont il-valutazzjoni tal-Kumitat ta' Esperti tad-WHO, il-kannabis u r-raża tal-kannabis mhumix partikularment suxxettibbli li jipproduċu effetti ħżiena simili għall-effetti tas-sustanzi l-oħra fl-Iskeda IV tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi. Barra minn hekk, il-preparazzjonijiet orali tal-kannabis urew potenzjal terapewtiku għat-trattament tal-uġiġħ u kundizzjonijiet mediċi oħra bħall-epilessija u l-ispastiċità assoċjata mal-isklerożi multipla.
- (10) Id-WHO kkunsidrat li l-kannabis u r-raża tal-kannabis jenħtieġ li jiġu skedati flivell ta' kontroll li jipprevjeni l-ħsara kkawżata mill-użu tal-kannabis u fl-istess ħin dan ma jaġixxi bħala ostaklu għall-aċċess u għar-riċerka u l-iżvilupp ta' preparazzjonijiet relatati mal-kannabis għal użu mediku. Għaldaqstant, id-WHO kkonkludiet li l-inklużjoni tal-kannabis u r-raża tal-kannabis fl-Iskeda IV tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi mhix konsistenti mal-kriterji biex droga tiġi inkluża f' dik l-Iskeda.
- (11) Dik ir-rakkomandazzjoni ma timplika l-ebda bidla fil-livell ta' kontroll internazzjonali tal-kannabis u r-raża tal-kannabis. Hija tqis kif xieraq l-iżviluppi xjentifiċi fil-qasam sa mill-ewwel inklużjoni tal-kannabis u r-raża tal-kannabis fil-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi. It-tħassir tal-kannabis u tar-raża tal-kannabis mill-Iskeda IV tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi tista' tkun ta' ġid għall-progress tal-għarfien kollettiv tal-utilità terapewtika kif ukoll ta' kwalunkwe ħsara assoċjata mal-kannabis.
- (12) Għaldaqstant, il-pożizzjoni tal-Unjoni jenħtieġ li tkun li l-kannabis u r-raża tal-kannabis jitħassru mill-Iskeda IV tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi.
- (13) Skont il-valutazzjoni tal-Kumitat ta' Esperti tad-WHO, id-*delta*-9-tetraidrokannabinol u l-istereoisomeru attiv tiegħu d-dronabinol, speċjalment f'forom ta' purità għolja derivati b'mod illeċitu, jistgħu jipproduċu effetti ħżiena, dipendenza, u potenzjal ta' abbuż li huwa tal-inqas kbir daqs dak għall-kannabis, li hija inkluża fl-Iskeda I tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi. Sustanza li hija suxxettibbli għal abbuż simili u li tipproduċi effetti ħżiena simili bħal dik ta' sustanza diġà skedata fil-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi normalment tkun skedata bl-istess mod bħal dik is-sustanza. Peress li d-*delta*-9-tetraidrokannabinol huwa suxxettibbli għal abbuż simili bħall-kannabis u għandu effetti ħżiena simili, jissodisfa l-kriterji għall-inklużjoni fl-Iskeda I tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi.
- (14) Id-WHO fehmet li l-inklużjoni tad-*delta*-9-tetraidrokannabinol taħt l-istess Konvenzjoni u fl-istess skeda bħall-kannabis, jiġifieri l-Iskeda I tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi, tiffaċilita bil-kbir l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' kontroll tal- Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi u l-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi fl-Istati Membri. Għalhekk, id-WHO rrakkomandat li d-*delta*-9-tetraidrokannabinol u l-istereoisomeru attiv tiegħu d-dronabinol jiġu inklużi fl-Iskeda I tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi u, jekk tiġi adottata dik ir-rakkomandazzjoni, jitħassru mill-Iskeda II tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi.
- (15) Dik ir-rakkomandazzjoni ma timplika l-ebda bidla fil-livell ta' kontroll internazzjonali tad-*delta*-9-tetraidrokannabinol u l-istereoisomeru attiv tiegħu d-dronabinol. Din tista' wkoll tiffaċilita l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' kontroll fl-Istati Membri.
- (16) Għalhekk, il-pożizzjoni tal-Unjoni jenħtieġ li tkun li jiżiedu d-*delta*-9-tetraidrokannabinol u l-istereoisomeru attiv tiegħu d-dronabinol fl-Iskeda I tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi u, jekk tiġi adottata dik ir-rakkomandazzjoni, jitħassru mill-Iskeda II tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi.

- (17) Skont il-valutazzjoni tal-Kumitat ta' Esperti tad-WHO, it-tetraidrokannabinol (isomeri tad-*delta*-9-tetraidrokannabinol), li huwa inkluż fl-Iskeda I tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi, ma għandux effetti ħżiena u ta' abbuż simili għal dawk assoċjati mad-*delta*-9-tetraidrokannabinol iżda, minħabba s-similarità kimika ta' kull wieħed mis-sitt isomeri tad-*delta*-9-tetraidrokannabinol, huwa diffiċli ħafna li ssir distinzjoni bejn kwalunkwe wieħed minn dawk is-sitt isomeri mid-*delta*-9-tetraidrokannabinol bl-użu ta' metodi standard ta' analiżi kimika. Barra minn hekk, l-inklużjoni ta' dawk is-sitt isomeri taħt l-istess Konvenzjoni u fl-istess Skeda bħad-*delta*-9-tetraidrokannabinol, jiġifieri l-Iskeda I tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi, tiffaċilita l-implimentazzjoni tal-kontroll internazzjonali tad-*delta*-9-tetraidrokannabinol, u tassisti lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni ta' miżuri ta' kontroll fil-livell nazzjonali. Għalhekk, id-WHO rrakkomandat li t-tetraidrokannabinol (isomeri tad-*delta*-9-tetraidrokannabinol) jiżdied fl-Iskeda I tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi soġġett għall-adozzjoni mis-CND tar-rakkomandazzjoni biex jiżdiedu d-dronabinol u l-istereoisomeri tiegħu (id-*delta*-9-tetraidrokannabinol) fl-Iskeda I tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi, u, jekk tiġi adottata dik ir-rakkomandazzjoni, titħassar mill-Iskeda I tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi.
- (18) Dik ir-rakkomandazzjoni ma timplika l-ebda bidla fil-livell ta' kontroll internazzjonali tat-tetraidrokannabinol (isomeri tad-*delta*-9-tetraidrokannabinol). Hija konformi mal-prinċipji ta' regolamentazzjoni aħjar u tista' tiffaċilita l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' kontroll fl-Istati Membri.
- (19) Għaldaqstant, il-pożizzjoni tal-Unjoni jenħtieġ li tkun li t-tetraidrokannabinol (isomeri tad-*delta*-9-tetraidrokannabinol) jiżdied fl-Iskeda I tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi, soġġett għall-adozzjoni mis-CND tar-rakkomandazzjoni li jiżdiedu d-dronabinol u l-istereoisomeri tiegħu (id-*delta*-9-tetraidrokannabinol) fl-Iskeda I tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi, u, jekk tiġi adottata dik ir-rakkomandazzjoni, jitħassru mill-Iskeda I tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi.
- (20) Biex tiġi żgurata l-koerenza tal-iskedar tad-*delta*-9-tetraidrokannabinol u l-istereoisomeru attiv tiegħu d-dronabinol, kif ukoll tat-tetraidrokannabinol (isomeri tad-*delta*-9-tetraidrokannabinol), u biex jiġi evitat ir-riskju li kwalunkwe sustanza minn dawk tiġi skedata taħt il-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi kif ukoll taħt il-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi, jenħtieġ li jkun possibbli għall-Istati Membri li huma membri tas-CND li jesprimu l-pożizzjoni tal-Unjoni fir-rigward tal-iskedar ta' dawn is-sustanzi f'vot konġunt.
- (21) Skont il-valutazzjoni tal-Kumitat ta' Esperti tad-WHO, il-varjabbiltà fil-proprietajiet psikoattivi ta' estratti u tinturi tal-kannabis, kif stabbiliti fil-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi, hija dovuta prinċipalment minħabba konċentrazzjonijiet ta' *delta*-9-tetraidrokannabinol li jvarjaw f'dawk l-estratti u tinturi. Xi estratti u tinturi tal-kannabis mingħajr proprietajiet psikoattivi u li jinkludu b'mod predominanti l-kannabidjol għandhom applikazzjonijiet terapewtiċi promettenti. Il-fatt li diversi preparazzjonijiet b'konċentrazzjoni varjabbli ta' *delta*-9-tetraidrokannabinol huma kkontrollati fl-istess entrata "Estratti u Tinturi" u huma inklużi fl-istess skeda huwa sfida għall-awtoritajiet responsabbli li jimplimentaw miżuri ta' kontroll fil-pajjiżi. Barra minn hekk, id-definizzjoni ta' preparazzjonijiet skont il-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi tista' tkopri l-prodotti kollha li huma "estratti u tinturi" tal-kannabis bħala "preparazzjonijiet" tal-kannabis, u anke, jekk ir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat Espert tad-WHO li d-dronabinol jitmexxa għall-Iskeda I tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi ġew segwiti, bħala "preparazzjonijiet" tad-dronabinol u l-istereoisomeri tiegħu. Għaldaqstant, id-WHO tirrakkomanda li l-estratti u t-tinturi tal-kannabis jitħassru mill-Iskeda I tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi.
- (22) L-informazzjoni pprovduta mid-WHO wara l-ħruġ ta' dik ir-rakkomandazzjoni u l-analiżi tal-impatt ta' dik ir-rakkomandazzjoni mill-Bord Internazzjonali għall-Kontroll tan-Narkotiċi (INCB) jiċċaraw li dik ir-rakkomandazzjoni ma twassal għal ebda bidla fil-livell ta' kontroll internazzjonali ta' estratti u tinturi tal-kannabis u li r-rakkomandazzjoni mhija mistennija li jkollha l-ebda impatt fuq il-kontroll jew l-obbligi ta' rappurtar tal-Istati Membri. Barra minn hekk, it-tħassir ta' estratti u tinturi tal-kannabis mill-Iskeda I tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi jiġi miegħu aktar ċertezza fil-kontroll ta' prodotti derivati mingħajr l-użu ta' solvent iżda permezz tal-applikazzjoni ta' sħana u pressjoni.
- (23) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni tkun li tivvota favur ir-rakkomandazzjoni li jitħassru "estratti u tinturi" tal-kannabis mill-Iskeda I tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi.

- (24) Skont il-valutazzjoni tal-Kumitat ta' Esperti tad-WHO, il-kannabidjol jinsab fil-kannabis u r-raġa tal-kannabis iżda ma għandux proprjetajiet psikoattivi u ma għandu l-ebda potenzjal għal abbuż u ebda potenzjal li jipproduċi dipendenza. Ma għandux effetti ħżiena sinifikanti. Barra minn hekk, intwera li l-kannabidjol huwa effettiv fil-ġestjoni ta' ċerti disturbi tal-epilessija mit-tfulija li huma reżistenti għat-trattament.
- (25) Id-WHO nnutat li mediċini mingħajr effetti psikoattivi li huma prodotti bħala preparazzjonijiet mill-pjanta tal-kannabis ikun fihom traċċi ta' *delta-9-tetraidrokannabinol* u rrikonoxxiet li l-analiżi kimika tad-*delta-9-tetraidrokannabinol* għal preċiżjoni ta' 0,15 % tista' tkun diffiċli għal xi Stati Membri. Għaldaqstant, id-WHO rrakkomandat li tiżdied nota f'qiegħ il-paġna mal-entrata għall-kannabis u r-raġa tal-kannabis fl-Iskeda I tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi, li taqra: "Il-preparazzjonijiet li fil-biċċa l-kbira tagħhom fihom il-kannabidjol u mhux aktar minn 0,2 % ta' *delta-9-tetraidrokannabinol* mhumiex taħt kontroll internazzjonali."
- (26) Madankollu, dik ir-rakkomandazzjoni tbaxxi l-livell ta' kontroll attwali għal dawk il-preparazzjonijiet. Barra minn hekk, l-istabbiliment ta' dak il-limitu ta' 0,2 fil-mija ta' *delta-9-tetraidrokannabinol* mhuwiex appoġġat biżżejjed mill-evidenza xjentifika, il-formulazzjoni ta' dik ir-rakkomandazzjoni ma teskludix interpretazzjonijiet diverġenti possibbli dwar il-mod kif jiġi kkalkulat dak il-limitu ta' 0,2 fil-mija ta' *delta-9-tetraidrokannabinol*, u l-implimentazzjoni teknika ta' dik ir-rakkomandazzjoni ser tkun diffiċli għal raġunijiet ta' kapaċità teknika u amministrattiva. It-trattament differenzjat tal-kannabidjol meta mqabbel ma' kannabinoidi oħra mhuwiex konformi mal-istruttura eżistenti tal-Iskedi tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi u l-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi. Dik ir-rakkomandazzjoni, kif ġiet abbozzata, ma toffrix iċ-ċertezza legali meħtieġa.
- (27) Għalhekk jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni tkun ta' vot kontra r-rakkomandazzjoni li tiżdied nota f'qiegħ il-paġna dwar "preparazzjonijiet li fil-biċċa l-kbira tagħhom ikun fihom il-kannabidjol u mhux aktar minn 0,2 fil-mija ta' *delta-9-tetraidrokannabinol*" mal-entrata għall-kannabis u r-raġa tal-kannabis fl-Iskeda I tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi.
- (28) Madankollu, l-Unjoni tilqa' konsultazzjoni ulterjuri mal-partijiet ikkonċernati kollha rigward rakkomandazzjoni riveduta dwar il-livell adegwat ta' kontroll internazzjonali għall-preparazzjonijiet tal-kannabis b'kontenut baxx ta' *delta-9-tetraidrokannabinol*, filwaqt li tiġi żgurata l-protezzjoni tas-saħħa u l-benesseri tal-pubbliku, filwaqt li titqies l-istruttura eżistenti tas-sistema internazzjonali tal-kontroll tad-droga għall-kannabis kif ukoll il-kapaċità teknika u amministrattiva li hija meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' tali rakkomandazzjoni.
- (29) Skont il-valutazzjoni tal-Kumitat ta' Esperti tad-WHO, il-mediċini li fihom id-*delta-9-tetraidrokannabinol* mhumiex assoċjati ma' problemi ta' abbuż u dipendenza u mhumiex iddevjati għall-fini ta' użu mhux mediku. Barra minn hekk, id-WHO rrikonoxxiet li tali preparazzjonijiet huma fformulati b'mod li x'aktarx ma jiġux abbużati u li ma hemm l-ebda evidenza ta' abbuż jew effetti ħżiena reali sal-punt li jkun jiġġustifika l-livell attwali ta' kontroll assoċjat mal-Iskeda I tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi jew il-livell ta' kontroll assoċjat mal-Iskeda II tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi. Għaldaqstant, id-WHO rrakkomandat li preparazzjonijiet prodotti jew b'sinteżi kimika jew bħala preparazzjoni tal-kannabis, li huma komposti bħala preparazzjonijiet farmaċewtiċi ma' ingredjent ieħor wieħed jew aktar u b'tali mod li d-*delta-9-tetraidrokannabinol* ma jkunx jista' jiġi rkuprat b'mezzi faċilment disponibbli jew fi kwantità li tikkostitwixxi riskju għas-saħħa pubblika, jiżdiedu fl-Iskeda III tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi.
- (30) Madankollu, il-formulazzjoni ta' dik ir-rakkomandazzjoni dwar preparazzjonijiet farmaċewtiċi mhija ibbażata fuq l-ebda terminu definit fil-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi. Barra minn hekk, dik ir-rakkomandazzjoni tista' ġġib magħha piż regolatorju addizzjonali fuq l-Istati Membri, li jkollhom bżonn jiddefinixxi l-kunċetti użati f'dik ir-rakkomandazzjoni biex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tagħha u jkollhom jaċċertaw jekk il-kundizzjoni li ma jkunx jista' jiġi rkuprat b'mezzi faċilment disponibbli tiġix issodisfata jew le għal kull prodott.
- (31) Għalhekk, il-pożizzjoni tal-Unjoni jenħtieġ li tkun li tivvota kontra r-rakkomandazzjoni li preparazzjonijiet prodotti jew b'sinteżi kimika jew bħala preparazzjoni tal-kannabis, li huma komposti bħala preparazzjonijiet farmaċewtiċi ma' ingredjent ieħor wieħed jew aktar jew b'tali mod li d-*delta-9-tetraidrokannabinol* (id-dronabinol) ma jkunx jista' jiġi rkuprat b'mezzi faċilment disponibbli jew fi kwantità li tikkostitwixxi riskju għas-saħħa pubblika tiżdied mal-Iskeda III tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi.

- (32) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fis-CND fir-rigward ta' tibdil għall-iskedar tal-kannabis u s-sustanzi relatati mal-kannabis, peress li d-deċiżjonijiet dwar l-iskedar fir-rigward tas-sustanzi tal-kannabis u r-raġa tal-kannabis imsemmija hawn fuq ser jaffettwaw direttament il-kontenut tad-dritt tal-Unjoni, jiġifieri, id-Deċiżjoni Kwadru 2004/757/ĠAI.
- (33) Il-pożizzjoni tal-Unjoni għandha tiġi espressa mill-Istati Membri li huma membri tas-CND, filwaqt li jaġixxu b'mod konġunt fl-interess tal-Unjoni.
- (34) Id-Danimarka hija marbuta bid-Deċiżjoni Kwadru 2004/757/ĠAI u għalhekk qed tieħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.
- (35) L-Irlanda hija marbuta bid-Deċiżjoni Kwadru 2004/757/ĠAI u għalhekk qed tieħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni mill-Istati Membri fit-tlieta u sittin sessjoni li ser terġa' titlaqqa' tal-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi (CND), li mistennija ssir mit-2 sal-4 ta' Diċembru 2020, meta dak il-korp ser jintalab jadotta deċiżjonijiet dwar iż-żieda ta' sustanzi fl-Iskedi tal-Konvenzjoni Unika tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drogi Narkotiċi tal-1961, kif emendata bil-Protokoll tal-1972, u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar is-Sustanzi Psikotropiċi tal-1971, jew it-tħassir tagħhom minnhom, għandha tkun f'konformità ma' dik stabbilita fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-pożizzjoni msemmija fl-Artikolu 1 għandha tiġi espressa mill-Istati Membri li huma membri tas-CND, filwaqt li jaġixxu b'mod konġunt fl-interess tal-Unjoni.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri f'konformità mat-Trattati.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Novembru 2020.

Għall-Kunsill

Il-President

M. ROTH

ANNEX

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Istati Membri li huma membri tal-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi (CND), filwaqt li jaġixxu b'mod konġunt fl-interess tal-Unjoni, fit-tlieta u sittin sessjoni li ser terġa' titlaqqa' tas-CND, li mistennija ssir mit-2 sal-4 ta' Diċembru 2020:

- (1) il-kannabis u r-raża tal-kannabis għandhom jitħassru mill-Iskeda IV tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi ⁽¹⁾;
- (2) Id-dronabinol u l-istereoisomeri tiegħu (id-*delta*-9-tetraidrokannabinol) għandhom jiżdiedu mal-Iskeda I tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi u, jekk dik ir-rakkomandazzjoni tiġi adottata, għandhom jitħassru mill-Iskeda II tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi;
- (3) it-tetraidrokannabinol (isomeri tad-*delta*-9-tetraidrokannabinol) għandu jiżdied mal-Iskeda I tal-Konvenzjoni dwar Drogi Narkotiċi, soġġett għall-adozzjoni min-naħa tas-CND tar-rakkomandazzjoni biex jiżdied id-dronabinol u l-istereoisomeri tiegħu (id-*delta*-9-tetraidrokannabinol) fl-Iskeda I tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi u, jekk dik ir-rakkomandazzjoni tiġi adottata, għandu jitħassar mill-Iskeda I tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi;
- (4) it-terminu "estratti u tinturi" għandu jitħassar mill-Iskeda I tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi;
- (5) in-nota f'qiegħ il-paġna li taqra "Preparazzjonijiet li fihom fil-biċċa l-kbira kannabidjol u mhux aktar minn 0,2 fil-mija ta' *delta*-9-tetraidrokannabinol mhumix taħt kontroll internazzjonali." m'għandhiex tiżdied mal-entrata għall-kannabis u r-raża tal-kannabis fl-Iskeda I tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi;
- (6) preparazzjonijiet prodotti jew b'sinteżi kimika jew bħala preparazzjoni tal-kannabis, li huma komposti bħala preparazzjonijiet farmaċewtiċi ma' ingredjent ieħor wieħed jew aktar jew b'tali mod li d-*delta*-9-tetraidrokannabinol (id-dronabinol) ma jkunx jista' jiġi rkuprat b'mezzi faċilment disponibbli jew fi kwantità li tikkostitwixxi riskju għas-saħħa pubblika, m'għandhomx jiżdiedu mal-Iskeda III tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi.

Biex tiġi żgurata koerenza tal-iskedar u biex jiġi evitat ir-riskju li sustanza tiġi skedata taħt il-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi kif ukoll taħt il-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi, l-Istati Membri li huma membri tas-CND jistgħu jaċċettaw vot konġunt dwar ir-rakkomandazzjonijiet ikkonċernati.

⁽¹⁾ Jibqgħu elenkati fl-Iskeda I ta' dik il-Konvenzjoni.

DEĊIŻJONI (UE) 2021/4 MEĦUDA BI QBIL KOMUNI BEJN IR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNJIET U TAL-ISTATI MEMBRI**tad-9 ta' Diċembru 2020****dwar il-post tas-sede taċ-Ċentru ta' Kompetenza Ewropew Industrijali, Teknoloġiku u tar-Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà**

IR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNJIET TAL-ISTATI MEMBRI,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 341 tiegħu,

Billi:

- (1) L-istabbiliment taċ-Ċentru ta' Kompetenza Ewropew Industrijali, Teknoloġiku u tar-Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà ("iċ-Ċentru ta' Kompetenza ") huwa previst abbażi tal-proposta ppreżentata mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fit-12 ta' Settembru 2018.
- (2) Jenħtieġ li jiġi ddeterminat il-post tas-sede taċ-Ċentru ta' Kompetenza,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Iċ-Ċentru ta' Kompetenza Ewropew Industrijali, Teknoloġiku u tar-Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà għandu jkollu s-sede tiegħu f'Bucharest, ir-Rumanija.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Diċembru 2020.

Il-President
P. LOURTIE

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2021/5**tal-15 ta' Diċembru 2020****dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Bożnija-Herzegovina u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2019/783 (BiH/31/2020)**

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2004/570/PESK tat-12 ta' Lulju 2004 dwar operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Bożnija-Herzegovina ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tagħha,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 6(1) tal-Azzjoni Konġunta 2004/570/PESK, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) biex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Bożnija-Herzegovina (il-"Kmandant tal-Forza tal-UE").
- (2) Fit-30 ta' April 2019 il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2019/783 ⁽²⁾ li taħtar lill-Brigadier Ġeneral Reinhard TRISCHAK bħala Kmandant tal-Forza tal-UE.
- (3) Il-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE rrakkomanda l-ħatra tal-Maġġur Ġeneral Alexander PLATZER bħala l-Kmandant tal-Forza tal-UE l-ġdid biex jieħu post il-Brigadier Ġeneral Reinhard TRISCHAK mill-15 ta' Jannar 2021.
- (4) Il-Kumitat Militari tal-UE qabel mar-rakkomandazzjoni tal-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE fit-23 ta' Ottubru 2020.
- (5) Għalhekk, jenħtieġ li titħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2019/783.
- (6) F'konformità mal-Artikolu 5 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka ma tiħux sehem fl-elaborazzjoni u fl-implimentazzjoni ta' deċiżjonijiet u azzjonijiet tal-Unjoni li għandhom implikazzjonijiet ta' difiża.
- (7) Fit-12 u t-13 ta' Diċembru 2002, il-Kunsill Ewropew ta' Copenhagen adotta dikjarazzjoni li ssostni li l-arranġamenti "Berlin plus" u l-implimentazzjoni tagħhom ser japplikaw biss għal dawk l-Istati Membri tal-Unjoni li huma wkoll membri tan-NATO jew partijiet għas-'Sħubija għall-Paċi', u li konsegwentement ikkonkludew ftehimiet bilaterali dwar is-sigurtà man-NATO,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Maġġur Ġeneral Alexander PLATZER huwa b'dan maħtur Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Bożnija-Herzegovina mill-15 ta' Jannar 2021.

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni (PESK) 2019/783 hija b'dan imħassra.

⁽¹⁾ ĠU L 252, 28.7.2004, p. 10.⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2019/783 tat-30 ta' April 2019 dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Bożnija-Herzegovina u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2018/355 (BiH/28/2019) (ĠU L 127, 16.5.2019, p. 11).

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-15 ta' Jannar 2021.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Diċembru 2020.

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà

Il-President

S. FROM-EMMESBERGER

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2021/6**tal-15 ta' Diċembru 2020****dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE tal-missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi Armati tal-Mali (EUTM Mali) u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2020/603 (EUTM Mali/2/2020)**

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/34/PESK tas-17 ta' Jannar 2013 dwar missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi Armati tal-Mali (EUTM Mali) ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 5 tagħha,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 5(1) tad-Deċiżjoni 2013/34/PESK, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) biex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti dwar il-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-EUTM Mali, inkluż deċiżjonijiet dwar il-ħatra ta' Kmandanti sussegwenti tal-Forza tal-Missjoni tal-UE.
- (2) Fis-16 ta' April 2020, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2020/603 ⁽²⁾ li taħtar lill-Brigadier Ġeneral František RIDZÁK bħala l-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE EUTM Mali.
- (3) Fil-25 ta' Settembru 2020, Spanja pproponiet il-ħatra tal-Brigadier Ġeneral Fernando Luis GRACIA HERREIZ biex jissuċċedi lill-Brigadier Ġeneral František RIDZÁK bħala l-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE tal-EUTM Mali mit-12 ta' Jannar 2021.
- (4) Fit-23 ta' Novembru 2020, il-Kumitat Militari tal-UE appoġġa dik il-proposta.
- (5) Għaldaqstant jenħtieġ li tittieħed deċiżjoni dwar il-ħatra tal-Brigadier Ġeneral Fernando Luis GRACIA HERREIZ bħala l-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE tal-EUTM Mali mit-12 ta' Jannar 2021.
- (6) Jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2020/603 titħassar.
- (7) F'konformità mal-Artikolu 5 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka ma tiħux sehem fl-elaborazzjoni u fl-implimentazzjoni ta' deċiżjonijiet u azzjonijiet tal-Unjoni li għandhom implikazzjonijiet ta' difiża. Konsegwentement, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u la hija marbuta biha u lanqas ma hija soġġetta għall-applikazzjoni tagħha,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Brigadier Ġeneral Fernando Luis GRACIA HERREIZ huwa b'dan maħtur bħala l-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE tal-missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi Armati tal-Mali (EUTM Mali) mit-12 ta' Jannar 2021.

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni (PESK) 2020/603 hija b'dan imħassra.

⁽¹⁾ ĠU L 14, 18.1.2013, p. 19.

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2020/603 tas-16 ta' April 2020 dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE tal-missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi Armati tal-Mali (EUTM Mali) u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2019/2096 (EUTM Mali/1/2020) (ĠU L 139, 4.5.2020, p. 65).

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-12 ta' Jannar 2021.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Diċembru 2020.

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà

Il-President

S. FROM-EMMESBERGER

ID-DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/7**tal-5 ta' Jannar 2021****dwar l-estensjoni tal-azzjoni meħuda mill-Aġenzija Finlandiża għas-Sikurezza u s-Sustanzi Kimiċi li tippermetti t-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodott bijoċidali Biobor JF f'konformità mal-Artikolu 55(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***(notifikata bid-dokument C(2021) 7)***(It-testi bil-Finlandiż u bl-Iżvediż biss huma awtentiċi)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali ⁽¹⁾, u b'mod partikolari t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 55(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Fis-6 ta' Mejju 2020, l-Aġenzija Finlandiża għas-Sikurezza u s-Sustanzi Kimiċi ("l-awtorità kompetenti") adottat deċiżjoni f'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 55(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 biex sat-2 ta' Novembru 2020 jiġi permess it-tqegħid fis-suq u l-użu mill-utenti professjonali tal-prodott bijoċidali Biobor JF għat-trattament antimikrobiku tat-tankijiet tal-fjuwil u tas-sistemi tal-fjuwil tal-inġenji tal-ajru ("l-azzjoni"). L-awtorità kompetenti għarrfet lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra dwar l-azzjoni u l-ġustifikazzjoni għaliha, f'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 55(1) ta' dak ir-Regolament.
- (2) Skont it-tagħrif mogħti mill-awtorità kompetenti, l-azzjoni kienet meħtieġa sabiex titħares is-saħħa pubblika. Il-kontaminazzjoni mikrobijoloġika tat-tankijiet tal-fjuwil u tas-sistemi tal-fjuwil tal-inġenji tal-ajru tista' twassal għal funzjonament ħażin tal-magna tal-inġenju tal-ajru u tipperikola l-ajrunavigabbiltà tiegħu, u għalhekk tipperikola s-sikurezza tal-passiġġieri u l-ekwipaġġ. Il-pandemija tal-COVID-19 u r-restrizzjonijiet fuq it-titjiriet li rriżultaw wasslu biex bosta inġenji tal-ajru kellhom jiġu pparkjati temporanjament. L-immobbiltà tal-inġenji tal-ajru hija fattur aggravanti tal-kontaminazzjoni mikrobijoloġika.
- (3) Il-Biobor JF fih 2,2'-(1-metiltrimetilenediossi)bis-(4-metil-1,3,2-diossaborinan) (numru CAS 2665-13-6) u 2,2'-ossibis (4,4,6-trimetil-1,3,2-diossaborinan) (numru CAS 14697-50-8), sustanzi attivi għall-użu fi prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 6 bħala preservattivi għall-prodotti waqt il-ħżin kif definit fl-Anness V tar-Regolament (UE) Nru 528/2012. Peress li daww is-sustanzi attivi mhumx inklużi fil-programm ta' ħidma stabbilit fl-Anness II tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1062/2014 ⁽²⁾ għall-eżami sistematiku tas-sustanzi attivi kollha eżistenti li jinsabu fil-prodotti bijoċidali msemmija fir-Regolament (UE) Nru 528/2012, jeħtieġ li jiġu vvalutati u approvati qabel ma l-prodotti bijoċidali li jkun fihom dawn is-sustanzi jkunu jistgħu jiġu awtorizzati fil-livell nazzjonali jew fil-livell tal-Unjoni.
- (4) Fl-4 ta' Settembru 2020, il-Kummissjoni rċeviet talba motivata mingħand l-awtorità kompetenti biex tiġi estiża l-azzjoni f'konformità mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 55(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012. It-talba motivata saret abbażi tat-tħassib li s-sikurezza tat-trasport tal-ajru tista' tkompli tiġi pperikolata mill-kontaminazzjoni mikrobijoloġika tat-tankijiet tal-fjuwil u tas-sistemi tal-fjuwil tal-inġenji tal-ajru wara l-iskadenza tal-permess temporanju u l-argument li l-Biobor JF huwa essenzjali sabiex tiġi kkontrollata tali kontaminazzjoni mikrobijoloġika.

⁽¹⁾ ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1.⁽²⁾ Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1062/2014 tal-4 ta' Awwissu 2014 dwar il-programm ta' ħidma għall-evalwazzjoni sistematika tas-sustanzi attivi bijoċidali kollha li jeżistu fil-prodotti bijoċidali msemmijin fir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 294 10.10.2014, p. 1).

- (5) Skont it-tagħrif mogħti mill-awtorità kompetenti, l-uniku prodott bijoċidali alternattiv irrakkomandat mill-manifatturi tal-inġenji tal-ajru u tal-magni għat-trattament tal-kontaminazzjoni mikrobijoloġika ġie rtirat mis-suq f'Marzu 2020 minħabba anomaliji serji fl-ingiba tal-magni li ġew osservati wara t-trattament b'dak il-prodott.
- (6) Kif indikat mill-awtorità kompetenti, it-trattament mekkaniku tal-kontaminazzjoni mikrobijoloġika tat-tankijiet tal-fjuwil u tas-sistemi tal-fjuwil tal-inġenji tal-ajru mhux dejjem ikun possibbli u l-proċeduri tal-avjazzjoni miftiehma jeħtieġu t-trattament bi prodott bijoċidali anki meta t-tindif mekkaniku jkun possibbli. Barra minn hekk, it-trattament mekkaniku jesponi lill-ħaddiema għal gassijiet tossiċi u għalhekk jenħtieġ li jiġi evitat.
- (7) Skont it-tagħrif mogħti mill-awtorità kompetenti, il-manifattur tal-Biobor JF ħa passi għall-awtorizzazzjoni regolari tal-prodott u fil-bidu tal-2021 mistennija titressaq applikazzjoni għall-approvazzjoni tas-sustanzi attivi li fih. L-approvazzjoni tas-sustanzi attivi u l-awtorizzazzjoni sussegwenti tal-prodott bijoċidali jirrappreżentaw soluzzjoni permanenti għall-futur, iżda se jkun meħtieġ ammont sinifikanti ta' żmien biex dawn il-proċeduri jitlestew.
- (8) Peress li n-nuqqas ta' kontroll tal-kontaminazzjoni mikrobijoloġika tat-tankijiet tal-fjuwil u tas-sistemi tal-fjuwil tal-inġenji tal-ajru jista' jipperikola s-sikurezza tat-trasport bl-ajru, u peress li dak il-periklu ma jistax jittrażżan b'mod adegwat bl-użu ta' prodott bijoċidali ieħor jew b'mezzi oħrajn, jixraq li l-awtorità kompetenti titħalla testendi l-azzjoni għal perjodu li ma jaqbiżx il-550 jum li jibdew mill-jum ta' wara l-iskadenza tal-perjodu inizjali ta' 180 jum permess fid-deċiżjoni tal-awtorità kompetenti tas-6 ta' Mejju 2020.
- (9) Meta wieħed iqis li l-azzjoni ilha li skadiet mit-3 ta' Novembru 2020, din id-Deċiżjoni jenħtieġ li jkollha effett retroattiv.
- (10) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Bijoċidali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Aġenzija Finlandiża għas-Sikurezza u s-Sustanzi Kimiċi tista' testendi sas-7 ta' Mejju 2022 l-azzjoni biex tippermetti t-tqegħid fis-suq u l-użu mill-utenti professjonali tal-prodott bijoċidali Biobor JF għat-trattament antimikrobiku tat-tankijiet tal-fjuwil u tas-sistemi tal-fjuwil tal-inġenji tal-ajru.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Aġenzija Finlandiża għas-Sikurezza u s-Sustanzi Kimiċi.

Għandha tapplika mit-3 ta' Novembru 2020.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Jannar 2021.

Għall-Kummissjoni
Stella KYRIAKIDES
Membru tal-Kummissjoni

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)